MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 603/2004

**KNK Air Conditioners Co Ltd**

**vs**

**Feros Company Limited**

**Il**-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf u disa' mitt lira Maltin (Lm1,900.00), rapprezentanti bilanc dovut lis-socjeta' attrici fuq prezz ta' *air conditioners* mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta, u dan flimkien ma' l-imghax dekorribbli mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-prezentata ta' l-Avviz ghas-smiegh u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz ghas-smiegh u ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta'

Ottubru, 2004, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet l-ammont pretiz ghal elf u seba' mitt lira Maltin (Lm1,700).

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socejta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-3 ta' Novembru, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif ridotta u cioe' fl-ammont ta' elf u seba' mitt lira Maltin (Lm1,700), bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------